MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002

Numru 396/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Agius)**
**vs**
**James Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat James Agius ta’ 54 sena, bin Joseph u Paula nee’ Farrugia, imwieled Paola’ fit-8 ta’ Marzu, 1957 u residenti ‘Chez Moi’ Triq Serafin Tanti, Zebbug, detentur ta’ karta ta’ identita numru 202257(m) akkuzat talli:

a. f’dawn il-gzejjer bejn il-5 ta’ Frar 1993 u t-28 ta’ Gunju 1999, bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond ‘Chez Moi’, Triq Serafin Tanti, Zebbug, b’azzjonijiet differenti, bi ksur ta’ l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal Lm166.18,0 (mija u sitta u sittin lira maltin u tmintax-il centezmu) ghad-dannu tal-

Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-valur;

b. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi meter ta’ l-elettriku, jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta’ l-elettriku jew is-sigilli taghhom, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkkuzi f’liema ammissjoni ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkondsidra.

Hadet konjizzjoni tal-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ikkonsidrat il-fedina penali u l-fatturi u cirkostanzi l-ohra kollha. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 270, 267, 278, 279, 280, 326, 17, 31 tal-Kap 9.

Tiddecidi li tilliberah ghal zmien sitt (6) xhur millum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f’dan il-perjodu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152. Tapplika l-Artikolu 11 tal-istess citat kap u tordna lill-imputat ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont ta’ Lm166.18c zmien sitt xhur u tordnalu wkoll ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti konnessi mal-kaz skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-import tas-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------